# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 387/10/1 JA**

**George Falzon**

**v.**

**Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar, 2018 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti sabet li l-azzjoni tal-appellant għall-ħlas lilu ta' salarju mill-Assoċjazzjoni mħarrka kienet waqgħet bil-

preskrizzjoni tal-ħames snin maħsuba fl-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu bl-ispejjeż;

2. L-appellant ħarrek lill-Assoċjazzjoni ħalli tħallsu għas-salarju, żidiet fil-paga, *bonuses* u benefiċċji oħrajn li kien jistħoqqlu jaqla' u li l-istess Assoċjazzjoni mħarrka telfitu wara li keċċietu inġustament mill-impieg tiegħu magħha bħala *Route manager* u baqgħet ma riditx iddaħħlu lura fl-impieg magħha minkejja deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali[1] li sabet li t-tkeċċija tiegħu mill-impieg kienet waħda inġusta u bi ksur tal-liġi u ordnat li jerġa' jiddaħħal fl-impieg ("*reinstated*"), u minkejja li dik it-tkeċċija inġusta kienet magħrufa b'sentenza oħra mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża li l-Assoċjazzjoni kienet fetħet kontrih fl-1998[2];

3. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata b'dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> "*Illi filwaqt li l-attur fil-każ odjern qed jitlob għad-danni, l-Assoċjazzjoni konvenuta qed teċċepixxi preliminarjament il-preskrizzjonijiet estintivi kontemplati fl-Artikoli 2147, 2153 u 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkontemplaw rispettivament termini preskrittivi ta' sena, sentejn u ħames snin.*
>
> *Illi din il-Qorti tħoss li qabel xejn għandha* ***tittratta dawn l-eċċezzjonijiet preliminari kif ġej:***
>
> ***<u>Il-Preskrizzjoni in ġenerali:</u>***

[1] Deċ. Nru. 912 tat-13 ta' Jannar, 1998 fil-każ fl-ismijiet ***George Falzon vs Public Transport Association*** (Dok "MB", f'paġġ. 6 – 9 tal-proċess)
[2] Ċitazz. Nru. 775/98PS fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri noe et vs George Falzon*** maqtugħa fit-8 ta' Frar, 2006 (mhux appellata)(Dok "BM", f'paġġ. 10 – 24 tal-proċess)

*Kif iddikjarat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **"Corinthia Palace Hotel Co. Ltd. Et Vs Grima Joe Et"** tas-26 ta' Novembru 2003:*

> *"Illi konformament mal-prinċipju li min jallega jrid jipprova – onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat – huwa l-konvenut li jeċċepixxi l-preskrizzjoni li għandu l-oneru li jipprova d-dekorriment tal-perjodu preskrittiv stipulat; iżda, min-naħa l-oħra, appena l-konvenut jssodisfa dan ir-rekwiżit, allura l-oneru li jipprova l-interruzzjoni ta' din il-preskrizzjoni tirrisjedi fuq l-attur li jallega dan il-fatt;*
>
> *Illi għall-fini tad-determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli, wieħed għandu jħares lejn in-natura tal-azzjoni li qed tiġi esperita … hi din l-azzjoni kif arġinata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet tagħha li kienet tidditermina liema kien it-terminu preskrittiv applikabbli."[App.Ċiv: **"Joseph Bowman noe vs Emanuel Cachia et noe"** [1998] Vol.LXXXII.II.1194];"*

*Illi din il-Qorti tosserva u tinnota wkoll is-sentenza tat-8 t' Ottubru 2013, fl-ismijiet **"Karmenu Vella vs General Workers Union"** fejn il-Prim'Awla b'referenza għas-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2003 fil-kawża **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe"** din il-Qorti (PA/JRM) irriteniet l-istess ħsieb ossia illi –*

> *"hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmeri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq". (ara wkoll **"Holland noe vs Chetcuti" –** Qorti tal-Appell – 25 ta' Frar 2000 ; **"Vella vs Cefai"** – Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 2001; **"Portelli vs Psaila"** - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - 29 ta' Mejju 2003 ; **"Causon noe vs Sheibani" –** Qorti tal-Kummerc – 4 ta' Diċembru 1987; **"Camilleri vs Frendo"** (Kollezz. Vol. XII.144); **"Borg vs Testaferrata Bonici"** – Qorti tal-Appell – 24 ta' Marzu 1958)."*

*Tkompli tgħid illi:*

> *"In partikolari fis-sentenza **"Causon vs Sheibani noe"** il-Qorti qalet illi – "min jeċċepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jagħmel prova sodisfaċenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri għaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'pożizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le". Wara li l-eċċipjent jagħmel il-prova, ikun imbagħad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx għadda (ara **"Calleja vs Vella" –** Qorti tal-Appell – 15 ta' April 1964).*
>
> *Il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv, dak id-dubbju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella***

> ***noe"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tiegħu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika għalih il-liġi, u jitfisser dejjem b'mod li ma' jġibx fix-xejn il-għan li għandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni."*

*Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fl-ismijiet **"Mario Lapira vs C & A Company Limited"** deċiża fit-2 ta' Gunju 2003 ġie affermat li:*

> *"Il-liġi tagħna b'dispożizzjoni espressa tiddisponi bħala regola ġenerali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tgħaddi mill-ġurnata li fiha l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (Art 2137 tal-Kodiċi Ċivili). L-osservazzjoni ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibbilta' li wieħed jaġixxi trid tkun impossibbilta' indipendenti mill-volonta' tiegħu, dovuta għal kawża estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi."*

*Illi barra minn hekk u kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet: **"Cassar Pullicino Av. Dr. Louis Noe Vs Xuereb Angelo pro et noe"** nhar it-3 ta' Lulju 2003 wieħed irid jinnota illi:*

> *"Dan it-terminu jista' jkun sospiż f'każ li jkun hemm impediment ta' dritt, u mhux wiehed ta' fatt, u dan in omaġġ għall-prinċipju li contra non valentum agere non currit praescriptio (ara **"Attard vs Fenech"**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 1965, **"Xuereb vs Zammit"**, deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 1994, u **"Chircop vs Muscat"**, deċiża mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2000)."*

***Eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2147 tal-Kap 16**:*

*Illi fir-risposta ġuramentata tagħha, l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku **eċċepiet preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sena a tenur ta' Artikolu 2147 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) u dana għar-rigward tal-ewwel erba' talbiet tal-attur rikorrenti.** Il-Qorti tixtieq tinnota f'dan l-istadju illi hemm fatt importanti u rilevanti ħafna u dan huwa li mill-atti u mill-provi mressqa u kif sollevat mill-Assoċjazzjoni konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijet responsiva tagħha, jirriżulta li l-attur qatt ma bagħat ittra uffiċjali għad-danni la wara s-sentenza tat-Tribunal Industrijali mogħtija fit-13 ta' Jannar 1998 u wisq anqas wara s-sentenza tal-Prim' Awla mogħtija fit-8 ta' Frar 2006.*

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ in eżami, l-attur kellu kull fakulta' disponibbli għalih fil-liġi sabiex hu jagħmel dak kollu possibbli ħalli jikkawtela d-drittijiet tiegħu f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, iżda jirriżulta li m'għamel xejn minn dan tant illi din il-Qorti taqbel u **tqis illi l-Assoċjazzjoni konvenuta ppruvat għas-sodisfazzjon l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni ai termini ta' Artikolu 2147 (c) stante illi l-attur intavola din il-proċedura odjerna fid-19 t'April 2010 u li d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, kienet datata 8 ta' Frar 2006 u b'hekk jirriżulta li t-terminu kien ġja' skada. Madankollu peress***

***li din hija azzjoni għad-danni, ma tinkwadrax taħt dan is-sub-inċiż u allura l-eċċezzjoni in kwistjoni hija respinta.***

***Eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16:***

*Illi kif ġja' ngħad, fir-risposta ġuramentata tagħha, l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku* ***eċċepiet ukoll preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' Artikolu 2153 tal-Kap 16 u dana għar-rigward tal-ħames u sitt talba tar-rikorrenti. Dan l-artikolu huwa evidentement applikabbli.***

*Illi din il-Qorti nfatti tqis l-azzjoni tal-attur odjern bħala waħda bbażata fuq danni mhux kaġonati b'reat. Dwar dan, din il-Qorti tirreferi għas-segwenti:*

> *"Illi, għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni…:*
>
> *(a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat;*
>
> *(b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi delitt (l-hekk msejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn [principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili]; u*
>
> *(c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin [ara, per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 t'April 1953, fil-kawża fl-ismijiet* ***"Joseph Micallef nomine vs Carmelo Cassar"*** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.140); [Prim Awla* ***"Angelo Spiteri vs Consiglio Busuttil"*** *[1983] Vol.LXVII.III.193 vide każistika hemm ċitata] u* ***"Raymond Grech vs Stefan Borg"*** *(Prim Awla 14 ta' Ġunju 2001).*
>
> *"Illi għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali [ara sentenza tal- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Jannar 1953, fil-kawża fl-ismijiet* ***"Joseph Stivala vs Prof. Joseph Colombo"*** *(Kollez. Vol: XXXVII.ii.622)];*
>
> *"Illi ġie stabbilit ukoll li f'każ fejn jiġi allegat li l-ħsara tnisslet minn nuqqas ta' xi parti li twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha fuq kuntratt, iż-żmien tal-preskrizzjoni ta' ħames snin jibda għaddej minn dak inhar li sseħħ l-ħsara [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Jannar 1911, fil-kawża fl-ismijiet* ***"Dr Francesco Buhagiar nomine vs Enrico Denicola nomine et"*** *(Kollez. Vol: XXI.i.51)], iżda mhux minn dakinhar li l-imġarrab intebaħ bil-ħsara li ġratlu [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 1957, fil-kawża fl-ismijiet* ***"Paolo Cordina vs Joseph Galea"*** *(Kollez. Voll: XLI.i.440)]."*

*Illi dan il-punt ġie ribadit ukoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell wara l-kawża fl-ismijiet **"Busuttil vs Schembri"**, deċiża fid-19 ta' Frar 1954, fejn il-Qorti kkunsidrat illi "l-azzjoni għad-danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-dannu huwa derivanti minn kważi-delitt, jiġifieri fil-każ ta' kolpa akwiljana; u mhux ukoll fil-każ ta' kolpa kontrattwali. Huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' ħaddieħor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, pero' biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jeħtieġ li dik il-kolpa ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-eżistenti, u għalhekk, anki fil-preżenza ta' kuntratt, jiddependi miċ-ċirkostanzi l-ġudizzju jekk il-kolpa li wieħed mill-kontraenti jaddebita lill-ieħor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Jiġifieri meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali."*

*Illi huwa nnotat illi:*

> *"Għal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni relattiva għall-azzjoni speċifika, id-distinzjoni hija waħda sempliċi – azzjoni għad-danni relattiva għar-responsabbilta' contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' ħames snin, filwaqt li azzjoni għad-danni relattiva għar-responsabbilta' extra contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' sentejn – entrambe dekoribbli minn dakinhar li setgħet tiġi eżercitata l-azzjoni għad-danni: (ara **"Spiteri pro et noe vs Castle"** – deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Awissu 1965; u **"Busuttil vs Schembri" –** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Frar 1954 ara wkoll **"Paola Galea et vs John Cauchi et"** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2008; **"Raymond Grech et vs Stefan Borg"** deċiża mill-Prim' Awla fl-14 ta' Gunju 2001 u **"Frans Micallef et vs Paul Agius et"** deċiża mill-Qort tal-Appell fit-18 ta' Ġunju 2014)."*

*Illi tkompli l-istess sentenza illi:*

> *"… hija x'inhi il-preskrizzjoni nvokata mill-konvenut, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita" (Prim Awla (JRM) **"John Bugeja vs Joseph Gauci" –** 28 ta' Novembru 2002); Prim Awla (JRM) – 14 ta' Ġunju 2001; (P.A. (JRM) **"Joseph Grech vs Ivan Mifsud et"** – 1 ta' April 2003)."*

*Illi fil-każ ta' azzjoni għad-danni naxxenti mir-responsabblita' kontrattwali, l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li għandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut għandu jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali tiegħu u jipprova li tali inadempjenza se mai rriżultat minħabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*

*Illi mill-fatti u mill-provi prodotti mill-Assoċjazzjoni konvenuta jidher biċ-ċar illi l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku kienet qed taderixxi mas-sentenzi mogħtija (ara l-elenku ta' dokumenti a fol 35 sa 48, kif ukoll l-*

*ittra uffiċjali datata 25 ta' Frar 1998 a fol 42). L-Assoċjazzjoni konvenuta għamlet diversi tentattivi sabiex terġa' tirrintegra lill-attur fil-kariga li kien jokkupa l-attur bħala Route Manager u saħansitra bagħtitlu anke ċekk bl-ammont ta' flus dovut lejh hekk kif ikkalkolat (a fol 32; 45 u 46) bħala paga dovuta għall-perjodu li huwa kien barra mix-xogħol ossia mill-5 ta' Diċembru 1993 sat-22 ta' Jannar 1998 (ara Dok 'G' a fol 43) [dan ikopri b'kollox mitejn u sittax-il (216) gimgħa]. F'din il-procedura odjerna, kien proprju l-attur li baqa' inadempjenti ossia la sarraf iċ-ċekk jew wisq anqas irtira tali somma hekk iddepożitata permezz ta' Ċedola l-Qorti stess (a fol 130 et seq) u di piu' lanqas mar lura għax-xogħol u dana mingħajr ebda raġuni.*

*Illi din il-Qorti tosserva u tirrimarka illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali kif ukoll dik tal-Prim' Awla, ma ħolqu ebda dritt iżda rrikonoxxu bħala stat ta' fatt li l-attur kellu l-kariga tiegħu mitmuma ħesrem u abbużivament mill-Assoċjazzjoni konvenuta.*

*Illi l-Qorti tosserva wkoll illi kif diġa' aċċennat aktar 'il fuq, l-attur odjern seta' kieku ried mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fit-8 ta' Frar 2006 ikkawtela minnufih il-pożizzjoni tiegħu b'mezzi ġudizzjarji appożiti. L-attur m'għamel xejn minn dan u kif kien dover li jagħmel, kellu jimminimizza d-danni riskontrati. Madanakollu, l-attur odjern kien pjuttost passiv u ntavola biss din l-azzjoni għad-danni fis-sena 2010.*

*Illi peress illi din il-Qorti hija tal-opinjoni li r-responsabbilta' għad-danni hawnhekk si tratta bħala **responsabbilta' kontrattwali (contrattuale)** u meħud kollox f'kuntest tal-fatti hekk kif imressqa quddiemha, isegwi billi **l-Assoċjazzjoni konvenuta ma ppruvatx għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni ai termini ta' Artikolu 2153 u dana kif sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni kif eċċepita peress li 'azzjoni għad-danni relattiva għar-responsabbilta' contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' ħames snin' u mhux sentejn kif eċċepit. B'hekk tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari peress li hija inapplikabblli fil-każ in eżami.***

***<u>Eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16</u>**:*

*Illi fir-risposta ġuramentata wkoll, l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku **eċċepiet preliminarjament il-preskrizzjoni ta' ħames snin, u dana mingħajr preġudizzju u subordinatament għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, iżda a tenur ta' Artikolu 2156 tal-Kap 16 għar-rigward tat-talbiet kollha tar-rikorrenti.***

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dan il-każ l-preskrizzjoni kwinkwennali hekk kif kontemplata huwa dak kif dedott fis-sub-inċiż (f) tal-Artikolu 2156 stante li dan ma ġiex ippreċiżat. Dan jgħid hekk:*

***"(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku".***

*Illi l-preskrizzjoni taħt artikolu 2156 (f) tolqot kull kreditu, ukoll meta l-kawża tiegħu tkun danni minhabba inadempiment kuntrattwali. Il-fatt illi l-kreditu huwa għal danni, ma jfissirx illi m'huwiex, appuntu, kreditu, u għalhekk l-azzjoni għall-ħlas tiegħu tintlaqat b'din il-preskrizzjoni sakemm, skont l-interpretazzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza, ikun kreditu di dare u mhux di fare ( ara **"Giovanni Saliba et vs Angelo Grech"**, Qorti tal-Appell 7 ta' Frar 1949 [Vol. XXXIII-I-397]"; **"Lorenza Buttigieg et vs GioBatta Caruana"**, Qorti tal-Appell 14 ta' Frar 1955 [Vol. XXXIX-I-101]".*

*Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta Lulju 2014 fl-ismijiet: **"Mizzi vs HSBC Malta plc"** tgħallimna l-gurisprudenza dwar il-preskrizzjoni applikabbli fir-rigward illi:*

> *"Kif inhu mgħallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bħal din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena għall-azzjoni Ċivili. Għalhekk, preskrizzjoni bħal din għandha tingħata tifsira dejqa. Issa jrid jingħad li għalkemm il-kelma 'kreditu' tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kelma 'kreditu' imsemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu. Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet di fare. Illi peress illi l-preskrizzjoni 'residwali' maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 hija soġġetta għall-interpretazzjoni eiusdem generis, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq l-eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għal ħlas ta' flus. Kemm hu hekk ingħad illi din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-pretazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus [Prim Awla **"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Dismar Company Limited"** deċiża fit-12 t'Ottubru 2004; ara ukoll sentenza tas-7 ta' Frar 1949 in re **"Giovanni Saliba et versus Angelo Grech"** Qorti tal-Appell].*

*Illi meħud in kunsiderazzjoni kif indikat hawn fuq li 'preskrizzjoni bħal din għandha tingħata tifsira dejqa', allura isegwi illi tali preskrizzjoni għandha tibda tiddekorri 'mill-ġurnata li fiha l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, u dan ifisser minn meta t-Tribunal Industrijali ta s-sentenza tiegħu nhar it-13 ta' Jannar 1998. B'hekk dan ifisser illi l-Qorti taqbel u **tqis illi l-Assoċjazzjoni konvenuta ppruvat għas-sodisfazzjon l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni ai termini ta' Artikolu 2156 sub-inċiż (f) stante illi l-attur intavola din il-proċedura odjerna fid-19 t'April 2010 u li d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ta sentenza fit-13 ta' Jannar 1998 u b'hekk jirriżulta li din l-azzjoni hija preskritta**";*

4. L-appellant ħassu aggravat b'dik is-sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fid-9 ta' Frar, 2018, u għar-raġunijiet mirquma u dettaljati hemm imfissra, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassarha billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin u terġa' tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tisma' u taqta' l-każ tiegħu fuq il-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Assoċjazzjoni appellata;

5. L-Assoċjazzjoni wieġbet għall-appell bi Tweġiba mressqa minnha fit-12 ta' Marzu, 2018, li bis-saħħa tagħha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalet li l-appell mhux mistħoqq u li jixraq li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

6. Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-26 ta' Ottubru, 2021, li biha qalu li l-appell seta' jitħalla għas-sentenza fuq l-atti miktuba li kienu tressqu, u dakinhar l-appell tħalla għas-sentenza;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

8. Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' pagi u benefiċċji mċaħħda lil impjegat wara tkeċċija inġusta mill-impieg tiegħu u kif ukoll għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni mġarrba minħabba n-nuqqas tal-prinċipal milli jdaħħal lill-impjegat imkeċċi lura għax-xogħol. Meta ġie biex iqis ir-rimedju dwar it-tkeċċija inġusta, it-Tribunal Industrijali kien ordna li l-appellant jerġa' jiddaħħal fl-impieg. L-appellant jgħid li l-Assoċjazzjoni għamlet minn kollox biex ma ddaħħlux jerġa' jaħdem magħha, tant li fetħet kawża kontrih quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex tattakka d-deċiżjoni li ta t-Tribunal Industrijali. Min-naħa tagħha, l-Assoċjazzjoni tgħid li kien l-appellant li b'kapriċċ naqas li jerġa' jidħol lura fl-impieg minkejja li ssejjaħ lura u kif ukoll li ġab b'idejh id-danni li jgħid li ġarrab meta naqas li jsarraf il-ħlas kollu mitluf li kienet bagħtitlu. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqgħet waħda minn għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni li l-Assoċjazzjoni qajmet f'din il-kawża tal-appellant;

9. Illi dwar dan ukoll l-appellant iqanqal kwistjoni tan-nuqqas ta' qbil bejn dak li l-ewwel Qorti qalet fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet tagħha fis-sentenza appellata u dak li semmiet fil-parti deċiżorja tagħha. Din il-Qorti jidhrilha li jixraq tikkunsidraha. L-Assoċjazzjoni ressqet erba' (4)

eċċezzjonijiet preliminari għall-azzjoni tal-appellant. L-ewwel eċċezzjoni preliminari kienet dwar in-nullita` tal-azzjoni attriċi minħabba li ma kienx ċar l-attur x'kien qiegħed jitlob tassew. It-tieni eċċezzjoni kienet dik li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-presksrizzjoni tas-sena għall-finijiet tal-Artikolu 2147 tal-Kodiċi Ċivili. It-tielet eċċezzjoni preliminari kienet dik li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-Artikolu 2153 tal-istess Kodiċi, filwaqt li r-raba' eċċezzjoni preliminari kienet dik li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2156 ta' dak il-Kodiċi;

10. Illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni (jiġifieri t-tielet eċċezzjoni preliminari) tal-Assoċjazzjoni, imma laqgħet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet (jiġifieri t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari) dwar il-preskrizzjoni. Madankollu, matul il-kunsiderazzjonijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet, dik il-Qorti sabet li għalkemm l-Assoċjazzjoni kienet ippruvat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2147(ċ), ladarba l-azzjoni kienet waħda ta' danni, ma laqgħethiex. Hekk ukoll, hija u tqis it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Assoċjazzjoni (it-tieni waħda tagħha dwar il-preskrizzjoni), l-ewwel Qorti qalet li dik il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2153 ma kinitx tgħodd għall-każ u li ma kinitx se tilqagħha. Fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni preliminari (it-tielet waħda dwar il-preskrizzjoni), l-ewwel Qorti

sabet li l-Assoċjazzjoni kien seħħilha turi li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi u laqgħetha;

11. Illi, kif jgħid l-appellant, jidher li l-ewwel Qorti qatgħetha li tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni taħt l-Artikoli 2147 u 2153 tal-Kodiċi Ċivili (liema żewġ artikoli tal-liġi jissemmew fl-ewwel paragrafu tal-parti tad-*decide* tas-sentenza appellata) u tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari taħt l-Artikolu 2156(f) tal-istess Kodiċi (liema artikolu jissemma' fit-tieni paragrafu tad-*decide* tagħha). Il-Qorti qiegħda għalhekk tqis li l-appellant qiegħed isejjes l-appell tiegħu safejn l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin. Taqbel mal-appellant ukoll li l-ewwel Qorti lanqas ma tat deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Assoċjazzjoni – dik li titkellem dwar in-nullita` tal-azzjoni attriċi – dwar liema eċċezzjoni la saru sottomissjonijiet mill-partijiet quddiem l-ewwel Qorti u lanqas ma jidher li l-ewwel Qorti semmiet xejn dwarha fis-sentenza appellata. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li, ladarba s-sentenza appellata ffukat fuq l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari għaliex seta' kien hemm il-fehma li l-Assoċjazzjoni ma baqgħetx tisħaq aktar dwarha. F'kull każ, l-ewwel Qorti ma kienx ikollha għalfejn tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni li kieku kellha tagħżel li tqis u tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni

attriċi. F'dan ir-rigward ukoll, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu[3];

12. Illi l-appellant iqajjem **tliet aggravji** mis-sentenza appellata. Fl-ewwel lok jgħid li l-ewwel Qorti naqset li tqis b'mod tajjeb il-provi li tressqu quddiemha u għalhekk "għamlet valutazzjoni, fattwali u legali, għal kollox errata tagħhom u wkoll wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll malament interpretat ċertu aspetti ġuridiċi tal-vertenza". Fit-tieni lok tgħid li l-ewwel Qorti "għażlet termini preskrittivi speċifiċi meta l-parti interessata naqset milli tindividwa hi stess liema dispożizzjoni partikolari kienet qed tinvoka". Filwaqt li, fit-tielet lok, minn qari tal-motivazzjonijiet tagħha, "toħroġ manifesta ċerta konfużjoni u inċertezza f'dak li effettivament ġie akkolt bħala eċċezzjoni" li tixhed "inkongruwenza sostantiva u ġuridika";

13. Illi l-**ewwel aggravju** jista' jinqasam taħt tliet kunsiderazzjonijiet: (i) li l-ewwel Qorti naqset li tqis kif jixraq il-fatti li fuqhom kellha tasal għall-fehma dwar jekk l-azzjoni tal-appellant kinitx tassew waqgħet bil-preskrizzjoni; (ii) li l-ewwel Qorti ma qisitx li ż-żmien tal-preskrizzjoni li kien miexi kontrih inkiser bil-proċeduri li ttieħdu wara li nqata' l-każ tiegħu mit-Tribunal Industrijali; u (iii) li, f'kull każ, kien hemm stqarrija tad-dejn min-naħa tal-Assoċjazzjoni, li xxejjen il-mogħdija ta' kull żmien li setgħat

[3] Ara §§ 21 – 6 tar-rikors tal-appell f'paġ. 206 – 8 tal-proċess

laħqet ġrat dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Il-Qorti sejra tqis dawn l-irjus tal-aggravju għal rashom u fl-ordni li għadha kemm semmiethom;

14. Illi taħt l-ewwel parti tal-ewwel aggravju l-appellant jgħid li jeżistu raġunijiet tajbin biżżejjed biex din il-Qorti tistħarreġ il-proċess tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti dwar il-fatti u l-argumenti li tressqu quddiemha. Hu jgħid li r-regola li din il-Qorti ma tindaħalx f'dak l-apprezzament magħmul minn Qorti tal-ewwel istanza mhijiex waħda assoluta. Isemmi s-sottomissjonijiet li huwa kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti qabel ingħatat is-sentenza appellata u jgħid li l-ewwel Qorti kellha tagħmel stħarriġ aktar mirqum u rilevanti dwar dawk il-provi, hija u tqis jekk l-eċċezzjonijiet preliminari kellhomx jintlaqgħu;

15. Illi l-Assoċjazzjoni laqgħet għal dan l-aggravju billi qalet li l-ewwel Qorti stħarrġet sewwa l-fatti kollha rilevanti tal-każ biex waslet għall-fehma li l-azzjoni tal-appellant kienet waqgħet għaliex kien għadda ż-żmien li fih l-appellant messu mexxa 'l quddiem il-pretensjonijiet tiegħu f'kawża;

16. Illi din il-Qorti għarblet l-atti tal-kawża u, b'mod partikolari, il-bosta ġrajjiet proċedurali li ttieħdu mill-appellant sa minn meta tkeċċa mill-impieg sa dakinhar li fetaħ din il-kawża. Tqis ukoll li l-ewwel Qorti wettqet eżerċizzju fejjiedi biex tagħraf l-għamla ta' azzjoni mressqa mill-appellant

kontra l-Assoċjazzjoni f'din il-kawża u biex tapplika għaliha ż-żmien preskrittiv li jgħodd għall-każ, minn fost bosta eċċezzjonijiet preliminari li l-Assoċjazzjoni qajmet fir-rigward tal-preskrizzjoni. Minn dak li l-appellant niżżel fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti ma ltaqgħet mal-ebda ċirkostanza fattwali li twassalha biex issib li, f'dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti, l-ewwel Qorti waqgħet f'xi żball. Għalkemm tqajmu aktar minn eċċezzjoni waħda tal-preskrizzjoni, l-ewwel Qorti fliethom ilkoll skont il-mertu ta' kull waħda minnhom u qieset jekk l-Assoċjazzjoni seħħilhiex tippruvahom f'kull waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-għamla ta' azzjoni mressqa mill-appellant;

17. Illi, fir-rigward, tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti jidher li kejlet iż-żmien preskrittiv tal-ħames snin minn dakinhar li ngħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali (13 ta' Jannar, 1998) li biha kienet sabet li huwa kien tkeċċa inġustament mill-impieg tiegħu minn mal-Assoċjazzjoni sa dakinhar li fetaħ din il-kawża (19 ta' April, 2010), imma naqset li tqis li, f'April tal-1998, l-Assoċjazzjoni kienet fetħet kawża kontrih (għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-imsemmi Tribunal), liema kawża nqatgħet kontriha fi Frar tal-2006 u għalhekk żgur ma kinux għaddew il-ħames snin sa ma huwa fetaħ din il-kawża;

18. Illi, hawnhekk ukoll, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-appellant seħħlu jissostanzja dan l-aggravju tiegħu. Għalkemm tabilħaqq hemm

rabta bejn dak deċiż mit-Tribunal Industrijali fl-1998 u l-kawża miftuħa mill-Assoċjazzjoni fl-1998 biex tattakka s-siwi ta' dik id-deċiżjoni, ma jistax jingħad li l-kawża miftuħa mill-Assoċjazzjoni kissret il-mixja tal-preskrizzjoni li kienet miexja favuriha wara l-għoti tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Fil-fehma tal-Qorti, biex iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'talba ġudizzjarja[4], dik l-azzjoni ġudizzjarja trid tkun inbdiet mill-kreditur u mhux mid-debitur[5]. Il-"kreditu" favur l-appellant inħalaq bis-saħħa tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u mhux biċ-ċaħda tal-kawża mibdija mill-Assoċjazzjoni. Matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża miftuħa mill-Assoċjazzjoni u sakemm id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ma kinitx tħassret, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jeżegwixxi dik id-deċiżjoni u ma jistax jingħad li l-kawża miftuħa mill-Assoċjazzjoni kissret jew issospendiet iż-żmien preskrittiv li kien miexi favuriha. Ukoll kieku wieħed kellu jqis li meta l-appellant ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu għall-kawża miftuħa mill-Assoċjazzjoni, seta' nkiser iż-żmien preskrittiv li kien miexi favuriha[6], sa ma fetaħ din il-kawża l-preskrizzjoni tal-ħames snin kienet għaddiet billi n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu ressaqha f'Novembru tal-1998, jiġifieri ħafna aktar minn ħames snin qabel fetaħ din il-kawża. Dan qiegħed jingħad għaliex, ladarba l-preskrizzjoni tinkiser, iż-żmien jibda miexi mill-ġdid u mhux jibqa' sospiż[7];

---

[4] Art. 2131 tal-Kap 16

[5] App. Ċiv. **16.1.1933** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa Speranza noe vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.740**) u P.A. JZM **29.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Chircop vs Imelda Naudi et***

[6] Art. 2128 tal-Kap 16 u App. Ċiv. **27.6.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Burlington Holdings Ltd vs Korporazzjoni Enemalta*** (*obiter*)

[7] Art. 2136(2) tal-Kap 16

19. Illi bit-<u>tielet parti tal-ewwel aggravju</u> l-appellant iressaq 'il quddiem l-argument li, f'kull każ, l-Assoċjazzjoni kienet stqarret li hija "debitriċi" tiegħu u għalhekk kull eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li qajmet ma tiswiex għaliex l-istqarrija tad-dejn wkoll tikser il-mogħdija taż-żmien favur id-debitur. Huwa jfisser li fil-każ tiegħu seħħet ħaġa li ġabet fix-xejn kull żmien ta' preskrizzjoni li l-Assoċjazzjoni seta' kien miexi favuriha u ssarraf daqslikieku kienet rinunzja min-naħa tagħha ta' kull preskrizzjoni, imqar jekk dak iż-żmien preskrittiv kien laħaq għalaq. Itenni li dak li l-Assoċjazzjoni tgħid fil-ħames u fis-sitt eċċezzjonijiet tagħha għall-azzjoni tiegħu huwa biżżejjed biex juri kemm dan li qiegħed jgħid huwa minnu u li ġara tassew;

20. Illi għal din il-parti tal-aggravju, l-Assoċjazzjoni tilqa' billi tgħid li d-deċiżjoni li ta t-Tribunal Industrijali kien li l-appellant jiddaħħal lura f'xogħlu mill-ġdid u li jitħallas dak li kien jingħata li kieku ma tkeċċiex mill-impieg. L-Assoċjazzjoni wettqet dik id-deċiżjoni u ma għamlet l-ebda offerta: talbet lill-appellant jidħol lura għax-xogħol u, wara li ngħatat is-sentenza li ikkonfermat dak li kien qata' t-Tribunal Industrijali, bagħtitlu l-ħlasijiet li kien imissu jieħu sakemm dam imkeċċi. Kien l-appellant li rrifjuta kulma talbitu jagħmel l-Assoċjazzjoni u kif ukoll dak li bagħtitlu bi ħlas u b'din l-azzjoni tiegħu jrid li jingħata ħlas ta' xogħol li seta' jagħmel u li rrifjuta li jagħmel. Minħabba f'hekk, l-Assoċjazzjoni tgħid li mhux talli

hija ma rrinunzjatx għall-preskrizzjoni, imma talli bil-pretensjonijiet tiegħu l-appellant ħalaq "kreditu" li ma kienx jeżisti għaliex it-talbiet tiegħu għall-ħlas kienu marbuta mal-fatt li huwa jwettaq ix-xogħol tiegħu. Dwar dak il-kreditu pretiż, l-Assoċjazzjoni qatt ma stqarret li huwa b'xi mod minnha dovut. Min-naħa l-oħra, bil-ħlas li hija ħarġet b'ħarsien ta' dak li kien ordna t-Tribunal Industrijali, u bit-tqegħid b'ċedola taħt l-awtorita` tal-qorti tas-somma rifjutata mill-appellant, jiġi li l-Assoċjazzjoni ħelset minn kull obbligazzjoni li hija kellha lejh għas-saldu ta' dak li seta' kien ħaqqu jieħu;

21. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tqis li, aktar milli kwistjoni ta' ksur taż-żmien preskrittiv, l-appellant qiegħed jargumenta li l-Assoċjazzjoni rrinunzjat għaż-żmien preskrittiv li kien seta' laħaq għadda favuriha billi għarfet id-dejn. L-għarfien tad-dejn min-naħa tad-debitur iġib miegħu l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni[8], u l-ħlas min-naħa tad-debitur jew ta' xi ħadd f'ismu mqar akkont tad-dejn ukoll iġib l-istess effett[9]. Iżda, waqt li l-għarfien jew xi ħlas magħmulin **waqt** li l-preskrizzjoni tkun għadha miexja, jikser iż-żmien preskrittiv[10], dak l-għarfien jew ħlas **wara** li jkun għalaq l-istess żmien ifisser rinunzja. Ma jistax ikun hemm ksur ta' żmien preskrittiv wara li jkun għalaq, imma biss rinunzja min-naħa tad-debitur[11];

---

[8] Art. 2133 tal-Kap 16
[9] Art. 2134 tal-Kap 16
[10] App. Ċiv. **25.4.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Maurice Captur vs Salvatore Spiteri***
[11] App. Ċiv.**22.12.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Grech et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.695**)

22. Illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni titlob li min jallegaha – f'dan il-każ, l-attur kreditur – jippruvaha kif imiss u, bħal f'kull każ ieħor ta' rinunzja ta' jedd, dik il-prova trid tkun waħda tajba u ċerta[12]. Għaliex, daqs kemm fir-rigward ta' ħwejjeġ li jolqtu l-preskrizzjoni dawn imisshom jingħataw tifsira dejqa, hekk ukoll jingħad li għandu jkun fejn xi ħadd jallega l-ksur tal-preskrizzjoni[13] jew ir-rinunzja tagħha[14]. Minbarra dan, il-prova ta' tali rinunzja trid tkun waħda mhux ekwivoka[15] jew imsejsa fuq kliem jew espressjonijiet vagi[16];

23. Illi mill-atti joħroġ li l-Assoċjazzjoni llikwidat il-pretensjonijiet tal-appellant fi ftit żmien wara li ngħatat is-sentenza li ikkonfermat is-siwi tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Qabel dan, kienet bagħtet tgħid lill-appellant għal darba darbtejn biex jidħol lura għax-xogħol u għaddietlu *cheque* b'dak li kienet tqis li kien jirċievi li kieku ma keċċitux mill-impieg u għal dak iż-żmien kollu li dam imkeċċi. L-appellant jgħid li s-somma offerta kienet waħda "irriżorja" u kien għalhekk li ma aċċettahiex. Imma l-Assoċjazzjoni għaddiet biex b'ċedola qiegħdet l-ammont offert taħt l-awtorita` tal-Qorti, u l-appellant baqa' ma żbankahiex. Minbarra f'hekk, bil-ħlas, twettqet l-obbligazzjoni li l-istess Assoċjazzjoni seta' kellha mal-appellant[17];

---

[12] App. Ċiv. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Paċe vs Fred Fenech***
[13] App. Ċiv. **22.11.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Ċilia et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.409**)
[14] App. Ċiv. 4**.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.258**) u P.A. **25.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)
[15] App. Ċiv. **30.5.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.133**)
[16] App. Ċiv. **1.7.1939** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina et vs Formosa*** (Kollez. Vol: **XXX.i.989**); P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)
[17] Art. 1145(a), 1146 u 1173 tal-Kap 16

24. Illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti jidhrilha li ma kien hemm l-ebda rinunzja għall-preskrizzjoni min-naħa tal-Assoċjazzjoni appellata. Bl-għemil tagħha li ssejjaħ lill-appellant lura għax-xogħol u bit-tqegħid tas-somma mħallsa lilu taħt l-awtorita` tal-Qorti, l-aktar li kien hemm kien il-ksur taż-żmien preskrittiv, imma wkoll l-estinzjoni ta' dik l-obbligazzjoni. Qabel ma l-appellant fetaħ din il-kawża, wara li kienu għaddew bosta snin, il-mixi ta' xi preskrizzjoni favur l-Assoċjazzjoni baqa' ma reġax inkiser b'xi att effikaċi u b'hekk laħaq għalaq, kif sewwa sabet l-ewwel Qorti;

25. Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel aggravju ma jistħoqqlux jintlaqa';

26. Illi bit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant jixli lill-ewwel Qorti li għażlet biex tilqa' waħda mill-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mqajma mill-Assoċjazzjoni fuq dispożizzjoni li lanqas l-istess eċċipjenti ma kienet individwat. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti "ħadet ħsieb" u "b'impuls proprju ('ex ufficio')" tirrimedja għan-nuqqas min-naħa tal-Assoċjazzjoni li, dwar il-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili (li kienet l-eċċezzjoni li ntlaqgħet fis-sentenza appellata), lanqas biss kienet semmiet xejn fis-sottomissjonijiet tagħha qabel ma l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza. L-appellant jisħaq li s-sentenza appellata nnifisha turi li

l-Qorti kienet sabet li l-Assoċjazzjoni ma kinitx ippreċiżat liema dispożizzjoni tal-liġi kienet qiegħda sserraħ fuqha l-preskrizzjoni tal-ħames snin. Jgħid li b'hekk, l-ewwel Qorti "uriet nuqqas meta ndaħlet fil-linja difensjonali tal-konvenuta appellata u individwat hi stess dak li messu ġie senjalat appożitament mill-appellata, hemmhekk konvenuta". Imbagħad l-appellant jgħaddi biex jinseġ sensiela ta' prinċipji dottrinali u tismija ta' sentenzi tal-Qrati tagħna u qrati barranin li jagħmluha ċara li qorti ma tistax minn rajha tagħżel iż-żmien preskrittiv li jgħodd għal xi każ u li jaqa' fuq min iqajjem eċċezzjoni bħal dik biex jgħid b'mod preċiż liema dispożizzjoni tal-liġi tgħodd għall-każ;

27. Illi l-Assoċjazzjoni twarrab dan l-aggravju, u tgħid li sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata hija kienet fissret taħt liema dispożizzjoni tal-liġi kienet qiegħda ssejjes ir-raba' eċċezzjoni tagħha u semmiet l-artikolu rilevanti fl-istess eċċezzjoni. Il-fatt li ma semmietx is-sub-inċiż relattiv ma jfissirx li naqset li tispeċifika liema preskrizzjoni kienet qiegħda tinvoka u lanqas huwa minnu li kienet l-ewwel Qorti li għamlet tajjeb għal dak in-nuqqas billi ħadet xi inizzjattiva li kienet taqa' fuq l-eċċipjent. L-Assoċjazzjoni ttemm tgħid li hu l-appellant innifsu li jaċċetta li, imqar f'dan l-istadju tal-appell, il-liġi tagħtiha li tqajjem l-istess eċċezzjoni u tikseb l-istess riżultat;

28. Illi hu minnu li hija regola stabbilita li, f'azzjoni ta' xejra ċivili, il-Qorti għandha tistħarreġ biss l-eċċezzjoni li l-parti mħarrka tkun qajmet[18] u m'għandhiex tagħti effett lill-preskrizzjoni li parti ma tkunx qajmet[19], ħalli b'hekk ma tkunx qiegħda tindaħal u tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva[20]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk għandu jgħodd xi żmien preskrittiv f'azzjoni bħal dik li għandha quddiemha llum, dan huwa ż-żmien ta' ħames snin maħsub fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Torbot ma' dan l-artikolu, dak li jgħid l-Artikolu 2137 tal-istess Kodiċi, li l-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss. Il-ħarsien ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab mgħallem illi l-impossibilita` li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża 'l barra minnha li hija ma setgħetx tneħħi[21];

29. Illi l-Qorti jidhrilha li l-argumenti mressqa mill-appellant taħt dan l-aggravju kienu jkunu jgħoddu li kieku l-Assoċjazzjoni ma kinitx qanqlet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u kieku l-ewwel Qorti minn rajha sabet li l-azzjoni tal-appellant kienet waqgħet bil-mogħdija ta' xi żmien preskrittiv. F'dan il-każ, l-atti juru li l-Assoċjazzjoni qajmet aktar minn eċċezzjoni waħda tal-preskrizzjoni tal-azzjoni mibdija mill-appellant u f'kull waħda

[18] App. Inf. **3.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Xuereb vs Amabile Fiott*** (mhix pubblikata)
[19] Art. 2111 tal-Kap 16
[20] App. Ċiv. **11.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)
[21] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)

mit-tliet każijiet semmiet ukoll l-artikolu tal-liġi li taħtu kienet eċċepiet dik il-preskrizzjoni. Dan huwa każ, għalhekk, fejn kienet il-parti eċċipjenti li semmiet liema kienet id-dispożizzjoni legali relattiva u l-ewwel Qorti identifikat minn fosthom waħda miċ-ċirkostanzi li kienet tgħodd għall-każ. Huwa minnu li ngħad bosta drabi li min iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jrid jindika mhux biss l-artikolu tal-liġi imma, jekk ikun il-każ, liema wieħed mis-sub-inċiżi tiegħu jgħodd għal dik l-eċċezzjoni li tkun[22]. Madankollu, huwa minnu wkoll li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-istadju tal-appell[23], kif jgħid l-appellant innifsu. F'każ bħal dan, ma jkun tal-ebda fejda li l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni mqajma fuq is-saħħa tan-nuqqas tat-tismija tas-sub-inċiż partikolari, biex imbagħad dik l-eċċezzjoni terġa' titqajjem mill-ġdid mill-eċċipjenti. Kemm hu hekk, fejn il-parti eċċipjenti fissret b'mod dettaljat liema kien is-sub-inċiż tal-artikolu li dwaru kienet sejset l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni, din il-Qorti kienet għaddiet biex tistħarreġ dik l-eċċezzjoni u ma kinitx reġgħet bagħtet il-każ lura lill-ewwel Qorti[24]. L-Assoċjazzjoni issa tenniet ukoll li l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni tal-ħames snin kienet dik maħsuba fis-sub-inċiż (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili;

---

[22] App. Kumm. **21.3.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech vs Emanuel Grech et***; App. Inf. PS **16.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Futura Home Appliances Ltd vs John Peresso,*** fost bosta oħrajn

[23] Art. 2112 tal-Kap 16

[24] Ara App. Ċiv. **3.12.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Balzan noe vs John A., Scicluna noe***; u App. Inf. PS **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi vs Saviour Farruġia***

30. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

31. Illi fit-**tielet aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li fis-sentenza appellata joħorġu fid-dieher "ċerta konfużjoni u inċertezza f'dak li effettivament ġie akkolt bħala eċċezzjoni" li tixhed "inkongruwenza sostantiva u ġuridika";

32. Illi dan l-aggravju wkoll ma jidhirx li huwa tajjeb u fuq dan l-aspett il-Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha aktar qabel f'din is-sentenza[25]. Għalkemm jidher li saru xi nuqqasijiet tal-kitba fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma għandhomx iwasslu għat-tħassir tagħha, lanqas f'dak ir-rigward. Huwa ċar li l-ewwel Qorti laqgħet biss waħda mit-tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-Assoċjazzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi u ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi. Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ntlaqgħet, l-appellant ma kellu l-ebda diffikulta` jsejjes l-appell tiegħu mis-sentenza appellata kif ingħatat, u din il-Qorti lanqas ma sabet diffikulta` biex tifhem u tqis l-aggravji tiegħu minnha;

33. Illi għalhekk, dan l-aggravju wkoll mhux se jintlaqa';

---

[25] §§ 9 sa 11 *supra*

**Decide:**

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attur appellant George Falzon mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox dik is-sentenza; u

**Tordna** li l-appellant iħallas l-**ispejjeż** ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da